1 ta' Lulju 2019
76/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'LULJU 2019**

Il-Ħadd 7 ta' Lulju, fit-8:30 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Martirju ta' San Pawl, fil-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat.

Il-Ħamis 11 ta' Lulju, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa ta' San Benedittu, fil-Monasteru ta' Santa Skolastika, il-Birgu.

Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni ta' Jum il-Pulizija. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 14 ta' Lulju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, fil-bidu tal-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa. Matul il-Quddiesa l-Arċisqof jamministra s-Sagramenti tal-Bidu tal-Ħajja Nisranija.

It-Tlieta 16 ta' Lulju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 27 ta' Lulju, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa ta' Sant'Anna, fil-Kappella ta' Sant'Anna, iż-Żebbiegħ.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**